MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 830/2017 LM

**Peter Zahra (K.I. 16765M), Pauline Zahra (K.I. 17366M)**
**u Lenise Zahra (K.I. 153493M)**

***vs.***

**Mariano D'Amato (K.I. 264787M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-12 ta' Settembru, 2017, mill-atturi **Peter Zahra** (K.I. 16765M), **Pauline Zahra** (K.I. 17366M) u **Lenise Zahra** (K.I. 153493M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Peter Zahra stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju 2010, għall-ħabta tad-9.45p.m., waqt li l-attur Peter Zahra kien qed isuq il-karozza Maruti Gypsy bin-numru ta' reġistrazzjoni LAD-224 fi Triq Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia, sejjer lejn id-dar fid-direzzjoni tal-Gudja, u l-konvenut kien qed isuq il-karozza Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni*

*HAP-559 fl-istess triq ġej mid-direzzjoni ta' Birżebbuġia u sejjer ukoll fid-direzzjoni tal-Gudja, l-istess konvenut, minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, baqa' dieħel fil-Maruti misjuqa mill-attur Peter Zahra, li kienet qed tinstaq quddiemu;*

2. *Illi b'riżultat ta' dan l-inċident tilfet ħajjitha Nicole Zahra ta' għaxar snin, bint l-atturi Peter Zahra u Pauline Zahra u oħt l-attriċi Lenise Zahra. Inoltre l-atturi Peter Zahra u Pauline Zahra ġarrbu ħsarat u danni oħra kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, inkluż telf ta' qligħ u ħsarat kbar fil-vettura tagħhom imsemmija.*

3. *Illi minkejja li ġie interpellat, anke uffiċjalment, sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kaġunati minnu kif fuq ingħad, il-konvenut baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li tirriżulta meħtieġa matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża, l-attur jitlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:*

(i) *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi li seħħ fl-4 ta' Lulju 2010 fi Triq Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia, kif fuq ingħad, u għad-danni kollha li sofrew l-atturi b'konsegwenza tal-istess;*

(ii) *Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-atturi, okkorrendi bin-nomina ta' perit nominandi;*

(iii) *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Lulju 2012, tad-29 ta' Marzu 2012, tas-17 ta' Diċembru 2013, u tat-28 ta' Settembru 2015, u tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' April 2017, u bl-imgħax legali kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Mariano D'Amato** (K.I. 264787M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2017, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi tal-atturi kollha u ċioe Peter Zahra, Pauline Zahra u Lenise Zahra, għandhom kollha jiġu miċħuda, u dan stante illi l-intimat Mariano D'Amato, ma kellu assolutament u ċertament ebda tort u responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar il-Ħadd erbgħa (4) ta' Lulju, tas-sena elfejn u għaxra*

*(2010) ġewwa Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġia, bejn il-vettura misjuqa minnu u dik mill-attur Peter Zahra, mertu ta' din il-proċedura;*

2. *Illi la darba l-intimat ma jaħti assolutament xejn u mhux responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ma hemmx lok illi jiġu likwidati kwalunkwe danni a favur tal-atturi Zahra;*

3. *Illi għalhekk, in vista tas-suespost, it-tielet (3) talba attriċi wkoll għandha tiġi miċħuda;*

4. *Illi in ogni caso, l-atturi jridu jġibu prova tad-danni sofferti minnhom;*

5. *Illi għalhekk isegwi illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda kollha, bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

6. *Illi fil-fatt, u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-istanti, l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ġara tort unikament tal-istess attur Peter Zahra, u dan minħabba imperizja, negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, u dan waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Maruti Gypsy targata HAP-559, meta ġie kkawżat l-inċident;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-liġi, jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-atturi.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

L-azzjoni odjerna ġiet istitwita mill-atturi in segwitu għal inċident awtomobilistiku fi Triq Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia, li seħħ fl-4 ta' Lulju, 2010, fejn tilfet ħajjitha binthom minuri Nicole ta' għaxar snin, meta l-konvenut baqa' dieħel fil-vettura misjuqa mill-attur. L-atturi jgħidu li l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, iperizja u nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tal-konvenut, u għalhekk dan għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut, kif ukoll għandu jagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati lilhom.

Fir-risposta maħlufa tiegħu l-konvenut wieġeb li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda, minħabba li huwa ma kellu l-ebda tort fl-inċident inkwistjoni. F'kull każ, isostni l-konvenut, l-atturi għandhom iġibu prova tad-danni sofferti minnhom. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li m'hemmx lok għall-ħlas ta' ebda danni min-naħa tiegħu.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors maħluf tagħhom, l-atturi ppreżentaw kopji tal-ittri uffiċjali tat-2 ta' Lulju, 2012[1], tad-29 ta' Marzu, 2012[2], tas-17 ta' Diċembru, 2013[3], u tat-28 ta' Settembru, 2015[4], li permezz tagħhom huma interpellaw lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha kkaġunati minnu lilhom, flimkien ma' kopja ta' ittra tat-12 ta' April, 2017 li permezz tagħha l-

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 5 tal-proċess.
[3] *A fol.* 6 tal-proċess.
[4] *A fol.* 7 tal-proċess.

atturi wissew lill-konvenut li wara li l-Qorti lliberat lill-attur Peter Zahra minn kull imputazzjoni għall-inċident fejn tilfet ħajjitha bintu Nicole Zahra, il-konvenut ma kien għad baqgħalu ebda raġuni għalfejn jirrifjuta li jersaq għall-ħlas tad-danni.[5]

Waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018 xehed l-attur **Peter Zahra**[6], li qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kemm hu kif ukoll il-mara tiegħu kienu suldati fl-Armata. Ix-xhud qal li fl-4 ta' Lulju, 2010, fil-5:30 ta' filgħaxija huwa kien mar iqatta' ftit ħin għall-kwiet mal-familja tiegħu f'għalqa li huwa kellu fil-limiti tal-Ajruport, ġewwa Ħal Far, u għall-ħabta tal-għaxra ta' billejl kienu qed jirritornaw lura d-dar. Qal li sabiex joħroġ mill-għalqa tiegħu kellu jgħaddi minn għadd ta' trejqiet qalb l-għelieqi, u dak il-ħin kien id-dlam. Qal li kien wasal f'telgħa li tiġi bi dritt ir-*runway* tal-Ajruport, u xħin ġie biex joħroġ għat-triq ewlenija ra vettura qiegħda tinstaq lejn id-direzzjoni tiegħu, għalkemm żied jgħid li laħaq ħareġ komdu u kien beda jsuq fuq il-karreġġjata tiegħu, xħin il-mara tiegħu ġibditlu l-attenzjoni għall-fatt li kienet ġejja vettura minn warajhom. L-attur spjega dak li ġara f'dawk il-mumenti:

> "X'ħin ħriġt kien għadu 'l bogħod. X'ħin il-mara qaltli hekk, ma kienx daqshekk 'il bogħod minni. Jiġifieri *seconds* kien hemm u dak il-ħin qisek trid tagħmel xi ħaġa. Jiena ġbidt fuq il-lemin biex niġi *wrong side* biex jibqa' għaddej fuq il-linja tiegħu għax hu kien ġej warajja fl-istess linja. It-tnejn sejrin lejn il-Gudja.
>
> ...
>
> Indunajt li ġej għax ġibditli l-attenzjoni l-mara l-iżjed li ndunajt għax naħseb lanqas kont inħares fil-mera biex nara. X'ħin ġbidt fuq il-linja biex immur fuq *wrong side* jiena biex nibqa' għaddej lanqas ilħaqt qbiżtha, lanqas ġejt *wrong side.* Ħabat magħna fuq wara. Jiġifieri jiena diġà kont nofs it-triq bejn wieħed u ieħor. Tana

[5] *A fol.* 8 tal-proċess.
[6] *A fol.* 20 tal-proċess.

daqqa fuq wara nsomma. Il-Maruti bdiet iddur, dorna xi tliet dawriet jew erba' dawriet ..."

Ix-xhud qal li mal-ħabta l-vettura misjuqa minnu waqfet, għalkemm l-isteering tagħha ġie bla kontroll. L-attur kompla jispjega kif fil-mumenti ta' wara qam paniku, għax meta ħareġ mill-vettura tiegħu, ra li bintu Nicole kienet mitluqa u mingħajr reazzjoni. Qal li dak il-ħin hu ra kif għamel u ħareġ lit-tifla mill-vettura għax il-bibien tal-vettura ma ridux jinfetħu, u xi mumenti wara waqfet tfajla li qaltilhom li hi *first aider,* u bdiet tagħti l-assistenza lit-tifla tiegħu. L-attur qal li din it-tfajla infurmathom li bintu kienet għadha ħajja, għad li ma kinitx qiegħda tiċċaqlaq u lanqas titkellem. Kompla jgħid li wara xi ħin waslet l-ambulanza, u hu rikeb mat-tifla lejn l-Isptar. L-attur qal li qabel l-inċident fl-ebda ħin ma sema' l-ħoss tal-brejkijiet tal-vettura l-oħra, u l-ħabta seħħet *wrong side* għaż-żewġ vetturi. Qal ukoll li wara l-inċident irriżulta li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qiegħda tinstaq b'veloċità ta' mija u ħamsin kilometru fis-siegħa. L-attur qal li wara l-inċident it-tifla tiegħu damet rikoverata fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-isptar tnax-il ġurnata, u tul dan iż-żmien qatt ma ġiet f'sensiha jew tkellmet. Hu qal li bintu minuri mietet fis-16 ta' Lulju, 2010 . Qal ukoll li l-vettura misjuqa minnu kellha ħsarat estensivi.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2018 xehed il-**PL Mario Buttigieg**[7], li qal li hu nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident u jistabbilixxi l-veloċità li kienu għaddejjin biha l-vetturi. Ix-xhud qal li l-inċident inkwistjoni kien seħħ fl-4 ta' Lulju, 2010 fi Triq Ħal Far, Birżebbuġia, fejn kienet weġġgħet gravi Nicole Zahra, li tilfet ħajjitha l-isptar ftit tal-jiem wara. Ix-xhud spjega li l-vetturi involuti f'dan l-inċident kienu waħda tat-tip Hyundai Accent

[7] *A fol.* 26 tal-proċess.

HAP 559 misjuqa mill-konvenut, u l-oħra Maruti Gypsy LAD 224 misjuqa mill-attur. Ix-xhud qal li huwa kien mar fuq il-post tal-inċident dakinhar stess li kien seħħ, u meta wasal fuq is-sit sab li l-vettura misjuqa mill-attur kienet fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, qed tħares lejn il-Gudja, filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet fuq in-naħa tal-karreġġjata tan-naħa tax-xellug, ftit metri 'l isfel. Ix-xhud qal li fil-mumenti ta' wara l-inċident, huwa ma kien kellem lil ħadd. Żied jgħid li mill-investigazzjonijiet li saru kien irriżulta li l-vettura misjuqa mill-konvenut kellha t-turbo miżjud. Ix-xhud qal li mill-evidenza li hu ġabar mingħand il-persuni li kellem fuq il-post, kien irriżultalu li dakinhar tal-inċident il-konvenut kien ħareġ ma' sħabu, l-ewwel marru Wied iż-Żurrieq u ħadu xi xorb, imbagħad kienu marru Birżebbuġia fejn reġgħu xorbu, u minn Birżebbuġia bdew isuqu fid-direzzjoni tal-Qrendi fejn ser ikollhom ikla. Ix-xhud qal li l-inċident seħħ meta l-attur ħareġ minn ġo *side street* għal ġol-*main road,* u saq għall-karreġġjata li kien ġej minnha l-konvenut. Ix-xhud żied jgħid li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet għaddejja b'ċerta saħħa. Hu ddeskriva dak li ġara fil-mumenti ta' wara billi qal:

> "Dak il-ħin kif kien qed jikser is-sewwieq tal-jeep, reġa' kiser fuq il-lemin tiegħu, dan konsegwentement kiser anke biex jevita għax ħaseb li ħa jmorru hekk, ħa jaqsmu lil xulxin, però s-sewwieq tal-jeep reġa' kiser fuq il-lemin, dan is-sewwieq tal-Hyundai kiser anke fuq il-lemin u seħħet il-ħabta speċi bħal *front to rear* bil-Malti. Konsegwentement għad-daqqa, din il-jeep marret, ħabtet fuq il-*crash barrier,* waqt li l-Hyundai baqa' miexi fuq il-karreġġjata tan-naħa tax-xellug."

Ix-xhud żied jgħid li l-kundizzjonijiet tat-temp dakinhar tal-inċident kienu tajbin, u għalkemm kien dalam, it-triq kienet mixgħula mija fil-mija. Żied jgħid li hu kien kellem lil Dorianne Farrugia, li kienet riekba fil-vettura misjuqa mill-konvenut, li kienet ikkonfermat dak li qal il-konvenut dwar fejn kienu marru aktar kmieni u x'kienu xorbu. Dorianne Farrugia qaltlu li f'ħin minnhom

semgħet lil ċertu Dorian, li ukoll kien riekeb mal-konvenut fil-vettura tiegħu, jgħid lill-konvenut li kienet ħierġa vettura mis-*side street.* Dorianne Farrugia qalet li kif għolliet rasha rat il-vettura misjuqa mill-attur, u seħħet il-ħabta. Ix-xhud qal ukoll li l-vista ta' sewwieq li kien ħiereġ mis-*side road* kienet waħda limitata minħabba fit-topografija tat-triq. Ix-xhud kompla jgħid li meta tkellem mal-attur dan kien qallu li kien qatta' nofstanhar f'xi għelieqi li kellu fl-inħawi, u li t-tifla tiegħu kienet riekba fuq is-*seat* ta' wara, fil-kaxxa tal-jeep. L-attur kien qallu wkoll li xħin wasal viċin l-Ajruport kien ra vettura ġejja, li kienet għadha tidher 'il bogħod, u hekk kif ħareġ minn fuq l-*istop sign* qala' daqqa fuq wara, bil-konsegwenza li l-vettura tiegħu daret u spiċċat fuq in-naħa l-oħra tat-triq. L-attur kien qallu wkoll li hu ma kienx induna li kien laqat il-*crash barrier,* wara li kien intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Ix-xhud qal li l-attur kien infurmah ukoll li huwa ma kien xorob ebda xorb alkoħoliku dakinhar.

Ix-xhud kompla jgħid li huwa kien tkellem ukoll mal-konvenut, li kkonferma li aktar kmieni dakinhar kien mar f'bar Wied iż-Żurrieq fejn ħa żewġ *drinks*, u wara ltaqa' ma' xi ħbieb tiegħu. Il-konvenut kien qallu wkoll li meta kien nieżel mit-triq ra l-vettura Maruti ħierġa minn triq sekondarja, u peress li l-konvenut kien wasal viċin il-vettura tal-attur, dan iddeċieda li jaqbżu billi jmur fuq il-karreġġjata l-oħra. Il-konvenut żied jgħid li l-attur dak il-ħin ukoll ġibed l-isteering fuq il-karreġġjata tal-lemin fejn seħħet il-ħabta. Ix-xhud qal li mill-kalkolu xjentifiku li għamel hu, kien stabbilixxa li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ta' mija u sebgħa u erbgħin kilometru fis-siegħa (147km/hr).[8] Ix-

[8] Fi kliem ix-xhud: "Mela bażikament jiena bdejt billi ħadt il-*post impact velocity* taż-żewġ vetturi. Seħħet il-ħabta, ikkonstatajt fejn kien l-*ispot of impact* imbagħad bid-daqqa l-karozzi fejn spiċċaw. Mela inti għandek hawnhekk il-karozzi straħu, mela l-veloċità hija zero. Mela minn hemmhekk nibda naħdem kollox bil-kontra, bir-*reverse.* Mela minn fejn straħu għal fejn ħabtu u minn fejn kienu ġejjin, li bażikament hawn kollox elenkat. ... Iva daħħalt anke l-momentum *calculations* fejn anke kkalkulajt anke l-*masses* tal-vetturi u bażikament irriżulta li l-Hyundai kien għaddej b'147 km/hr."

xhud żied jgħid li d-daqqa tant kienet b'saħħitha li l-vettura misjuqa mill-attur ħabtet mal-*crash barrier,* tkaxkret u għoliet. Ix-xhud qal ukoll li l-marki tal-brejkijiet bdew mill-karreġġjata tax-xellug fejn kien nieżel il-konvenut, u komplew għall-karreġġjata tal-lemin, u mad-daqqa l-Hyundai kien qiegħed jibbrejkja, u mal-ħabta l-vettura daret, spinnjat, u kien hemm anki sinjali ta' brixx mal-art. Ix-xhud qal li qabel mal-konvenut beda jagħfas il-brejkijiet, il-vettura li kien qed isuq kienet għaddejja b'veloċità ogħla minn mija u sebgħa u erbgħin kilometru fis-siegħa (147km/hr). Ix-xhud ippreżenta kopja tar-relazzjoni magħmula minnu u minn Joseph Zammit fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali.[9] Mill-atti tal-Inkjesta Maġisterjali jirriżulta li meta l-konvenut ta d-depożizzjoni tiegħu, dan qal li kien immodifika l-magna tal-vettura li kien qiegħed isuq, u la kien informa lil Transport Malta b'dan u lanqas lis-soċjetà tal-assigurazzjoni tiegħu.

Fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018, xehed **Joseph Zammit**[10], li qal li għal perijodu ta' erbgħin sena hu kien jaħdem bħala espert mekkaniku tal-Qorti. Ix-xhud qal li hu kien inħatar mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassisti fl-inkjesta. Ix-xhud qal li l-inkarigu tiegħu kien li jeżamina ż-żewġ vetturi, u kien irriżultalu li l-magna tal-vettura tal-konvenut kienet ġiet modifikata. Qal ukoll li l-vettura tal-konvenut ma kellha l-ebda difett fis-sistema tal-brejkijiet jew fl-isteering, imma konsegwenza tal-inċident il-vettura kellha ħsarat estesivi, tant hu hekk kienet ġiet dikjarata *beyond economical repair.* Ix-xhud qal li l-Hyundai misjuqa mill-konvenut kellha daqqa frontali, filwaqt li l-vettura tal-attur kellha daqqiet fuq wara, l-aktar in-naħa tal-lemin.

[9] *A fol.* 40 tal-proċess.
[10] *A fol.* 78 tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Dorian Richard Bugelli**[11], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri huwa kien riekeb mal-konvenut fuq quddiem tal-vettura, bħala passiġġier, u dak il-ħin huma kienu ġejjin minn serata barra, fejn l-ewwel marru f'bar f'Wied iż-Żurrieq u wara marru Birżebbuġia. Ix-xhud qal li ma jiftakarx il-konvenut x'kien xorob waqt li kienu fil-bar, u meta marru Birżebbuġia huma kienu ħadu xi *drinks* oħra. Ix-xhud qal li wara Birżebbuġia, huwa kien sejjer lejn il-Qrendi flimkien mal-konvenut u persuna oħra li kienet riekba magħhom, u waqt li kienu fit-triq ta' quddiem l-Ajruport, tfaċċat jeep li baqgħet ħierġa u kien hemm li seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li xħin il-konvenut induna li kien ser jidħol fil-vettura misjuqa mill-attur, il-konvenut kien ipprova jibbrejkja u jikser ftit 'il barra biex jipprova jevitah, u kien f'dak il-mument li seħħ l-impatt.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018 xehdet **Dorianne Farrugia**[12], li qalet li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hija kienet ħarġet mal-konvenut u ma' Dorian Bugelli, u kienu qattgħu xi ħin f'bar f'Wied iż-Żurrieq, u minn hemmhekk baqgħu sejrin f'bar ieħor f'Birżebbugia. Qalet li wara huma ddeċidew li jsuqu lejn il-Qrendi, u xħin waslu Ħal Far hija bagħtet messaġġ lill-ġenituri tagħha sabiex tinfurmahom li kienet sejra l-festa tal-Qrendi. Qalet ukoll li f'ħin minnhom semgħet lil Dorian Bugelli jgħid lill-konvenut biex joqgħod attent għax kien se joħroġlu xi ħadd, u żiedet tgħid li minkejja dan, hi baqgħet b'għajnejha 'l isfel biex tibgħat il-messaġġ. Kien dak il-ħin li seħħ l-impatt.

---

[11] *A fol.* 81 tal-proċess.
[12] *A fol.* 90 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2018, xehdet l-attriċi **Pauline Zahra**[13], li qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hi u l-familja tagħha kienu qattgħu xi ħin f'għalqa li l-familja tal-atturi għandhom fil-limiti ta' Ħal Far, u għall-ħabta tat-tmienja u nofs jew id-disgħa ta' filgħaxija, huma ddeċidew li jitilqu mill-għalqa u jirritornaw lejn darhom. Qalet li r-raġel tagħha kien qiegħed isuq, u wara li ħareġ mill-karreġġjata tax-xellug, qabad il-karreġġjata fil-parti tat-triq li kellha tieħdu lejn Ħal Luqa. Ix-xhud qalet li dak il-ħin ir-raġel tagħha kien għadu ser jaqbad it-*third gear,* u xi ħin qabel huma raw dawl ta' karozza jfeġġ, għalkemm dan kien għadu 'l bogħod minnhom. L-attriċi qalet li hija rrimarkat lir-raġel tagħha dwar il-veloċità li din il-vettura kienet ġejja biha, u dak il-ħin ir-raġel tagħha għamel manuvra biex jipprova jevita din il-vettura. Kompliet tgħid li kien proprju f'dak il-waqt li hija semgħet ħoss kbir, u ħasset il-vettura tagħhom iddur tliet darbiet, sakemm waqfet zoptu, bil-vettura misjuqa mill-konvenut imwaħħla fil-parti ta' wara tal-jeep tal-atturi. L-attriċi qalet f'dak il-ħin it-tifla tagħha kienet fuq wara tal-jeep, u xħin hi ratha ma tiċċaqlaqx, qabadha paniku. L-attriċi qalet li wara ftit tal-ħin t-tifla tagħha ttieħdet l-isptar, u minkejja li sarilha intervent, din qatt ma reġgħet ġiet f'sensiha.

Il-konvenut **Mariano D'Amato** xehed waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2019[14], li qal li meta seħħ l-inċident, huwa kien ilu ħames snin li ġab il-liċenzja. Il-konvenut qal li dak il-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed isuq karozza ta' missieru. Il-konvenut ikkonferma li l-magna ta' din il-vettura kienet ġiet mibdula għal waħda b'saħħitha aktar, u spjega wkoll li l-magna kienet inbidlet minn waħda bil-karburatur għal waħda tat-tip *fuel injection* li kienet taħli anqas. Il-konvenut ikkonferma li hu ma talab permess mingħand l-ebda

[13] *A fol.* 101 tal-proċess.
[14] *A fol.* 115 tal-proċess.

awtorità sabiex jibdel il-magna tal-vettura tiegħu. Il-konvenut ikkonferma wkoll li qabel seħħ l-inċident, huwa kien mar f'bar Wied iż-Żurrieq flimkien ma' sħabu, u minn hemmhekk kien ħa xi *drinks.* Qal li wara Wied iż-Żurrieq, hu u sħabu kienu marru Birżebbuġia sabiex iwasslu tfajla, u hemmhekk iltaqgħu ma' xi ħbieb tagħhom u kienu niżlu jieħdu xi *drinks.* Żied jgħid li wara Birżebbugia, huwa flimkien ma' sħabu kien saq lejn il-Qrendi, u fit-triq li minn Ħal Far kellha twasslu fid-direzzjoni tal-Qrendi, kienet ħarġet vettura minn fuq *stop sign* u ħabat fiha. Il-konvenut qal li hu ma jiftakarx b'liema veloċità kien għaddej. Żied jgħid li hu ra l-vettura tal-attur ħierġa, għalkemm id-dawl tagħha ma kienx rah. Qal ukoll li dak il-ħin la kien hemm vetturi oħra quddiemu u lanqas kien hekk vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta. Il-konvenut qal li l-inċident seħħ peress li ma kienx hemm distanza biżżejjed biex hu seta' jieqaf. Qal ukoll li meta l-vettura misjuqa mill-attur kienet daqshekk viċin tiegħu, hu pprova jaqbiżha, iżda xħin ra li ma kienx ser jirnexxilu, għafas il-*brake.* Il-konvenut qal li anki l-attur ma rnexxilux imur in-naħa l-oħra tat-triq, u l-marki tal-brejkijiet qegħdin f'nofs it-triq. Il-konvenut qal li l-attur induna bil-manuvra li pprova jagħmel hu sabiex jevitah, u l-attur kien reġa' lewa lejn il-karreġġjata tiegħu, bir-riżultat li l-ħabta seħħet fin-nofs tat-triq. Il-konvenut ġie mistoqsi jekk jiftakarx il-veloċità li kien għaddej biha fil-ħin meta seħħ l-inċident, u għal din id-domanda wieġeb,"naħseb kont għaddej naqra aktar milli suppost". Fir-rigward ta' dak li qal l-espert tal-Qorti li huwa kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar mija u ħamsin kilometru fis-siegħa, il-konvenut qal li dan ma setax ikun għax il-vettura tiegħu ma ttellax dik il-veloċità. Il-konvenut qal li hu kien għaddej b'veloċità ta' aktar minn tmenin kilometru fis-siegħa.

Fl-*affidavit* tagħha **Pauline Zahra**[15] qalet li meta seħħ l-inċident bintha Nicole kellha għaxar snin. L-attriċi qalet li bintha kienet tifla li tmur tajjeb fl-istudju, u ftit qabel ma seħħ l-inċident, kienet irċeviet riżultati tal-iskola tajbin ħafna u kienet ħerqana li tkompli bl-istudji tagħha fi skola ġdida. Qalet ukoll li bintha kienet bil-għaqal u attiva ħafna fil-ħajja studenteska, u kellha x-xewqa li ssir għalliema. Ix-xhud qalet li wara l-inċident hija kienet waqgħet f'dipressjoni kbira, u kellha tirrikorri għall-għajnuna psikjatrika. Żiedet tgħid li minħabba l-istat li kienet fih, kienet anki talbet li tibdel ix-xogħol li kienet tagħmel, u minn suldat fil-*headquarters* tal-AFM, kienet marret taħdem ir-*Regimental Headquarters* tal-Armata. Qalet li minħabba problemi f'saħħitha, fl-2016 hija kienet irriżenjat mix-xogħol minħabba li kellha biżżejjed servizz, imma spiċċat telqet mix-xogħol qabel laħqet l-età tal-irtirar. Qalet ukoll li dan kien ifisser li kienet tilfet dħul ta' madwar tliet mitt Euro (€300) fix-xahar, minħabba d-differenza bejn is-salarju u l-pensjoni.

Fl-*affidavit* tiegħu **Paul Zahra**[16] qal li bintu Nicole kienet tifla li tipprometti ħafna fl-iskola. L-attur qal li wara l-inċident huwa wkoll inħakem minn dipressjoni, u l-inċident affettwah ħafna fuq xogħlu. Qal li għamel żmien jibża' li jitkeċċa mill-impjieg, u kien irriżenja mix-xogħol fl-età ta' tnejn u ħamsin sena, u kien tilef madwar erba' mitt (€400) Euro fix-xahar. L-attur ikkonkluda billi qal li kieku ma kienx għall-inċident, huwa kien jibqa' jaħdem, peress li huma għandhom tifla minorenni oħra, li wkoll kienet għadha qed tistudja fiż-żmien meta seħħ l-inċident, u għalhekk kienet għadha tiddependi mill-ġenituri tagħha.

---

[15] *A fol.* 140 tal-proċess.
[16] *A fol.* 142 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar, 2019 xehdet **Joyce Agius**, Deputat Reġistratur fl-Qorti Kriminali[17], li ppreżentat kopja legali tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Mariano D'Amato**, li ġiet deċiża fis-26 ta' Mejju 2015.[18] Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati kkonkludiet illi:

> "... il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm is-sewqan tal-imputat ċertament jista' jitqies bħala xi sewqan perikoluż, madanakollu l-Qorti tqis illi l-parte ċivile kien negliġenti fis-sewqan tiegħu u saq b'nuqqas ta' kont meta ma żammx dik il-*proper lookout* rikjesta mil-liġi u dana għaliex għalkemm ra lill-imputat ġej mill-bogħod xorta deherlu li kellu joħroġ minn triq sekondarja u jostakola t-triq libera tal-imputat ...
>
> Illi għalhekk meta tiġi biex tikkonsidra l-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-parte civile f'dana l-inċident ikkontribwixxa għas-sinistru bin-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu. Illi inoltre, kif diġà ngħad, mill-atti proċesswali is-sewqan tal-imputat għandu jiġi kkunsidrat bħala traskurat, u bla kont u perikoluż u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex bħala parti mill-piena tiskwalifika l-liċenzja tas-sewqan tal-istess imputat.
>
> In finis jingħad għalhekk li f'dan l-inċident sfortunat huma responsabbli kemm l-imputat li saq b'manjiera perikoluża u eċċessiva minkejja li kien għaddej fuq triq prinċipali u l-parte civile għalkemm fi proporzjon iżgħar għaliex qabad u ħareġ minn triq sekondarja bla ma ħa l-prekawzjonijiet kollha rikjesti mil-liġi."

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti kkundannat lill-konvenut Mariano Damato għal sentenza ta' sena priġunerija sospiża għal tliet snin, u mmultatu elfejn Euro (€2,000).

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2019 sar il-kontroeżami ta' **Peter Zahra**[19], li kkonferma li dakinhar tal-inċident huwa kien ħareġ minn *side-road* għal *main road,* u din is-*side road* ma kellhiex dawl minħabba li hi sqaq qalb l-għelieqi. Qal li hu u ħiereġ kien għadu qiegħed bis-*second gear,* għalkemm żied jgħid

[17] *A fol.* 146 tal-proċess.
[18] *A fol.* 147 tal-proċess.
[19] *A fol.* 183 tal-proċess.

ukoll li ma jiftakarx jekk kienx laħaq daħħal ukoll it-*third gear.* L-attur kompla jgħid li qabel ħareġ mis-*side road* huwa kien diġà ra l-vettura tal-konvenut ġejja, u hu kien laħaq ħareġ u beda jsuq fil-karreġġjata tiegħu, meta l-mara tiegħu rrimarkat dwar il-veloċità li kien ġej biha l-konvenut, u hu seta' jarah ukoll mill-mera ta' ġewwa. L-attur żied jgħid li kif ra lill-konvenut ġej b'dik il-veloċità kollha, hu ġibed lejn il-lemin biex il-konvenut ikun jista' jibqa' għaddej fil-karreġġjata tiegħu. L-attur ikkonferma li l-konvenut kiser ukoll, u kien dak il-ħin li seħħ l-impatt. L-attur qal ukoll li hu ma setax jara lill-konvenut qabel ħareġ fit-triq prinċipali, minħabba li hu kien ħiereġ minn triq qalb l-għelieqi, u fin-naħa tax-xellug tat-triq hemm siġra li tostakola l-viżwal. L-attur żied jgħid li huwa kien lemaħ lill-konvenut għall-ewwel darba xħin huwa kien għadu ser joħroġ mis-*side road.* L-attur ikkonferma wkoll li d-dwal tal-vettura tiegħu kienu mixgħulin.

Waqt l-istess udjenza sar ukoll il-kontroeżami ta' **Pauline Zahra**[20], li qalet li hija kienet ġibdet l-attenzjoni tar-raġel tagħha għall-fatt li vettura minn faċċata kienet qiegħda tinstaq lejhom mill-konvenut b'ċerta veloċità. L-attriċi żiedet tgħid li xħin qalet dak id-diskors, l-atturi kienu laħqu ħarġu fil-karreġġjata tax-xellug, u kienu saqu biċċa fid-dritt. Ix-xhud qalet ukoll li r-raġel tagħha kien laħaq ħareġ komdu mis-*side street*, u m'għamilx manuvri ssugrati biex ħareġ. Qalet li l-inċident seħħ ta' malajr, meta semgħet ħoss qawwi fuq in-naħa ta' wara tal-vettura, u bdiet tara kollox idur biha, sakemm il-vettura li kienu fiha waqfet zoptu. L-attriċi qalet li t-tfal tagħha fuq wara ma kinux lebsin ċinturin tas-sigurtà għax il-vettura li kienu rekbin fiha kienet manifatturata b'dak il-mod.

[20] *A fol.* 188 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-provi ppreżentati sabiex tiddetermina jekk il-konvenut għandux responsabbilità x'iġorr għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-istess inċident. Jirriżulta li dan l-inċident ferm sfortunat seħħ meta fl-4 ta' Lulju, 2010 l-atturi kienu qegħdin jirritornaw lura lejn darhom wara li qattgħu nofstanhar f'għalqa li huma għandhom fl-inħawi ta' Ħal Far. Fil-ħin meta seħħ l-inċident, għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija, il-konvenut flimkien ma' xi ħbieb tiegħu, kien għaddej mit-triq li tiġi biswit ir-*runway* tal-Ajruport, sabiex imur fid-direzzjoni tal-Qrendi, wara li hu u sħabu kienu qattgħu xi ħin f'bar f'Wied iż-Żurrieq u wara kienu marru jixorbu f'Birżebbugia. L-attur spjega li sabiex ikun jista' joħroġ mill-inħawi fejn għandu l-għalqa, kellu joħroġ minn *side-street* mudlama peress li fl-inħawi hemm diversi trejqiet qalb l-għelieqi, waqaf fuq *stop sign* li hemm mal-liwja li twassal għat-triq ewlenija, u wara ħareġ fit-triq ewlenija. L-attur spjega kif huwa kien diġà qabad it-triq id-dritta u qaleb fuq is-*second gear,* xħin il-mara tiegħu ġibditlu l-attenzjoni li kienet ġejja vettura b'ċerta veloċità minn warajhom. L-attur qal ukoll li huwa kien diġà lemaħ lill-konvenut ġej mill-bogħod, iżda kif xehdet mart l-attur fil-kontroeżami tagħha, l-attur laħaq kien ħareġ mis-*side-street* b'mod komdu u kompla jsuq fit-triq ewlenija mingħajr ma kellu għalfejn jagħmel xi manuvra azzardata. L-attur spjega kif però fi ftit tal-ħin l-konvenut kien laħqu, u xħin induna bil-vettura ġejja minn warajh, ipprova jaqsam fuq il-karreġġjata tal-lemin, sabiex jagħti spazju lill-konvenut biex jgħaddi, iżda l-konvenut kellu l-istess ħsieb, għax anki hu pprova jaqbeż fuq il-karreġġjata tal-lemin sabiex jevita lill-attur, bir-riżultat li l-impatt bejn iż-żewġ vetturi seħħ proprju f'nofs it-triq. Mal-impatt il-vettura tal-għamla Maruti jeep misjuqa mill-attur, daret

tliet darbiet, inqatgħet mill-art, u wara straħet mal-ġenb tat-triq. L-attur xehed li hekk kif rnexxielu joħroġ mill-vettura, mill-ewwel kien jidher li bintu minuri, Nicole, kienet weġġgħet serjament, peress li ma bdiet turi l-ebda reazzjoni. Fil-fatt, l-atturi spjegaw li għalkemm binthom ittieħdet l-isptar minnufih, fejn anki sarilha intervent, hija tilfet ħajjitha wara tnax-il ġurnata fit-taqsima tal-kura intensiva.

Il-konvenut xehed dwar il-fatt li kien qiegħed isuq vettura li l-magna tagħha kienet ġiet modifikata mingħajr ma kien talab l-awtorizzazzjoni ta' Transport Malta u tas-soċjetà tal-assigurazzjoni tiegħu. Il-konvenut ma ċaħadx li kien qiegħed jaqbeż il-limiti tal-veloċità għal dik il-parti tat-triq, u lanqas ma ċaħad li tul dik is-serata hu kien ħa xi xorb alkoħoliku meta kien ma' sħabu. Il-konvenut qal li minkejja li kien ra lill-attur ħiereġ mis-*side street,* id-dawl tal-vettura tal-attur ma rahx, u meta induna kemm kienu viċin xulxin iż-żewġ vetturi, l-ewwel ipprova jaqsam lejn il-karreġġjata tal-lemin, u wara pprova jżomm il-*brake,* iżda dan kien kollu għalxejn għax l-impatt bejn iż-żewġ vetturi seħħ xorta waħda. Minn dak li ġie stabbilit mill-PL Mario Buttigieg, espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti, jirriżulta li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar mija u ħamsin kilometru fis-siegħa (150 km/s), għalkemm il-konvenut qal li dan ma jistax ikun għax il-vettura tiegħu ma ttellax dik il-veloċità.

Madanakollu l-Qorti hija moralment konvinta illi li kieku ma kienx għall-fatt li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità daqstant qawwija, l-impatt bejn iż-żewġ vetturi ma kienx iseħħ, jew jekk iseħħ il-konsegwenzi ma kinux ikunu daqstant devastanti.

Il-Qorti qieset ukoll dawn il-provi fid-dawl tar-riżultanzi tal-Inkjesta Maġisterjali, li minkejja li sabet li l-konvenut kien qiegħed jeċċedi l-limiti tal-veloċità stabbiliti għall-inħawi, ikkonkludiet li l-attur kellu ħtija kontributorja fl-inċident inkwistjoni, għalkemm fi grad inqas minn dik tal-konvenut. Din il-Qorti tirrileva li fil-kamp ċivili, kolpa tfisser nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' *bonus paterfamilias,* kif stabbilit fl-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Għandu jingħad ukoll li l-grad ta' prova fil-proċeduri ċivili huwa għal ollox differenti mill-grad ta' prova fil-proċeduri kriminali. Filwaqt li l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li ġew allegati mal-atti ta' dawn il-proċeduri, jistgħu jitqiesu bħala prova fil-proċeduri odjerni, madanakollu l-indaġini li trid tagħmel din il-Qorti hija għalkollox indipendenti minn kull stħarriġ ieħor li sar minn xi Qorti oħra dwar l-istess każ. Hawnhekk ikun pertinenti li l-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Ann Borg noe *vs.* Korporazzjoni Enemalta et**[21]:

> "Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li huma indipendenti minn xulxin[22], u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex konklussivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili.[23] Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru tal-prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali."

Tqis illi mill-provi jirriżulta ċar li l-konvenut għal xi raġuni ma kienx qiegħed iżomm il-*proper lookout* rikjesta, u l-konvenut induna bil-vettura misjuqa mill-attur u pprova jevitaha meta laħaqha. Minn dak li xehdu kemm l-attur kif ukoll

[21] Q.A., 31.01.2011.
[22] L-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali.
[23] **Carmelo Micallef St John et *vs.* Richard Spiteri et**, Appell Ċivili, 15.01.2002.

martu, il-vettura misjuqa mill-konvenut laħqithom fi ftit mumenti biss, u l-attur ukoll ma kellux biżżejjed ħin biex jirreaġixxi b'mod li jevita lill-konvenut.

L-obbligu tas-sewwieq li jżomm *a proper lookout* ġie mfisser f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla**[24], il-Qorti qalet li:

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

F'deċiżjoni mogħtija minn qorti barranija fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**,[25] li ta' spiss ġiet iċċitata mill-Qrati tagħna, l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[26], il-Qorti qalet:

> "*Driver* ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-

---

[24] Q.A., 17.06.1961.
[25] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A.
[26] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 21.05.1960.

sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**, il-Qorti għamlet riferiment għall-insenjament mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, sabiex waslet għall-konklużjoni li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li kellu jwieġeb għaliha is-sewwieq:

"Illi fir-rigward ta' *proper lookout* dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu '*an awareness of his immediate vicinity'* u ċioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri *vs* R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea *vs* Oresta Sammut** App. 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace *vs* C. Grima,** App. Inf. 16/05/97; **A. Gatt *vs* M. Shephard**, App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali." [27]

Huwa evidenti li l-konvenut, kemm minħabba l-veloċità eċċessiva li kien qiegħed isuq biha, kif ukoll minħabba l-fatt li kien ilu nofstanhar barra jixorb xorb alkoħoliku, kien nieqes mill-abbilità li jagħraf x'kien qiegħed jiġri fil-viċinanzi immedjati tiegħu, u kien biss xħin laħaq il-vettura misjuqa mill-attur li pprova jieħu azzjoni evażiva sabiex ma jseħħx l-impatt bejn iż-żewġ vetturi. Iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ juru li l-impatt seħħ biss minħabba negliġenza, imprudenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti da parti tal-konvenut: il-fatt li l-konvenut kien qiegħed isuq vettura b'magna modifikata mingħajr ma kien kiseb l-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti biex jagħmel dan, il-fatt li dakinhar il-konvenut kien mar f'postijiet differenti jikkonsma xorb alkoħoliku,

[27] P.A., 01.03.2001.

u l-konklużjoni tal-PL Mario Buttigieg, l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar mija u ħamsin kilometru fis-siegħa. Minn dan kollu li jirriżulta mill-provi, il-Qorti tikkonkludi li l-inċident seħħ proprju minħabba imprudenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti da parti tal-konvenut, u għalhekk huwa l-konvenut li għandu jwieġeb għad-danni kollha sofferti mill-atturi, partikolarment dawk marbuta mal-mewt prematura ta' binthom Nicole.

*Damnum Emergens:*

L-atturi ma ressqu l-ebda prova ta' danni materjali li setgħu sofrew b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, u għalhekk jirriżulta li l-pretensjoni tagħhom hija limitata għal-likwidazzjoni tat-telf ta' qligħ futur li huma sofrew minħabba l-mewt ta' binthom Nicole. L-atturi Peter u Pauline konjuġi Zahra xehdu li minħabba fl-inċident inkwistjoni kienu waqfu jaħdmu mal-Armata, u li kien hemm diskrepanza bejn id-dħul regolari li kellhom mill-impjieg tagħhom, u d-dħul li bdew jipperċepixxu mill-pensjoni. Madanakollu l-Qorti tqis ukoll li l-atturi ma ressqu ebda prova ta' dan, u għalhekk m'hemm ebda danni materjali x'jiġu likwidati.

*Lucrum Cessans:*

Il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-mewt ta' binthom abbażi tal-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula kif għandhom jitqiesu danni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[28], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kundizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-vittma tal-inċident inkwistjoni, Nicole Zahra, tilfet ħajjitha fl-età ta' għaxar (10) snin, u kif għamlet din il-Qorti f'deċiżjonijiet oħra li tat f'każijiet ta' mewt ta' minorenni f'inċidenti stradali, sejra tadotta *multiplier* ta' 40.[29]

Għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*, kif isir f'każijiet simili fejn il-vittma tkun minorenni jew persuna li għal xi raġuni jew oħra m'għandhiex impjieg, il-Qorti sejra tadotta l-kejl tal-paga minima nazzjonali fis-sena meta seħħ l-inċident, li għal persuna li qabżet l-età ta' tmintax-il sena fl-2010[30] kienet tammonta għal €152.29 fil-ġimgħa jew €7,919.08 jew dħul nett ta' €7,127.18 meta wieħed inaqqas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li jridu

---

[28] P.A., 27.02.2005.
[29] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Anthony Micallef et *vs.* Pierre Cuschieri**, P.A., 10.04.19.
[30] L.S. 452.71,

jitħallsu. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat sabiex tittieħed kunsiderazzjoni tal-effett tal-inflazzjoni għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti[31], u dan abbażi tar-rata tal-inflazzjoni fil-ħames snin wara li seħħ dan l-inċident li kienet ta' 1.66%.[32] Dan ifisser li fuq medda ta' 40 sena, il-paga minima nazzjonali kienet mistennija li tiżdied għal €11,882.43. Jekk wieħed kellu jieħu l-medja fuq l-imsemmi perijodu - €7,127.18 + €11,882.43 / 2, is-salarju medju li wieħed jasal għalih hu fl-ammont ta' €9,504.81.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali. F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall**[33], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard,** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' settembru, 1967. F'dik il-kawża ntqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-*chances and changes of life,* b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawnhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala '*lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in kunsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

[31] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

[32] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 1.668% skont l-NSO {1.51% (2010) + 2.72% (2011) + 2.42% (2012) + 1.38% (2013) + 0.31% (2014) / 5 = 1.668%}.

[33] P.A., 10.05.2005.

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 40 huwa wieħed ġust tenut kont tal-*working life expectancy* ta' persuna li tilfet ħajjitha fl-età ta' għaxar snin, f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u tenut kont ukoll tal-fatt li persuna fl-età tal-vittma kienet mistennija li taħdem almenu sakemm tagħlaq 65 sena meta tilħaq l-età tal-irtirar.

F'każijiet ta' mewt, il-Qorti tqis li l-grad ta' diżabilità permanenti ikun ta' 100%. Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Turner et *vs.* Agius et**[34], mhux l-inqas għax il-fatti ta' dik il-kawża kienu prattikament identiċi għal dawk tal-kawża odjerna, u anki minħabba d-diversi konsiderazzjonijiet li kienu saru mill-Qorti tal-Appell f'dik il-kawża, u li huma rilevanti għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna. Il-Qorti tqis li għandha tiċċita estensivament mill-imsemmija sentenza u tapplika l-prinċipji hemmhekk enunċjati għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell qalet:

> "Għall-finijiet tal-prinċipju tad-*dependency* hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni oħra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qiegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalità tal-ħajja l-probabbilità tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha.
>
> L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb magħruf tagħhom*, 'The Quantum of Damages',* jgħidu: *Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller.*
>
> Il-Qrati tagħna f'diversi sentenzi dejjem aċċettaw il-prinċipju illi f'każ ta' mewt ta' ġuvni jew xebba u partikolarment meta fil-mument tad-diżgrazzja l-atturi ma kinux jiddependu minn binhom għandu jkun hemm tnaqqis sostanzjali meta jiġu

[34] Q.A. 28.11.2003

kkalkolati d-danni – Dan it-tnaqqis, għalkemm ma hemmx regoli fissi jew kriterji assoluti jiġi ġeneralment ikkalkolat fl-ammont ta' bejn 66% u 50%.

L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-**konsum personali**. Ir-realtà tal-ħajja hija li wieħed jonfoq il-maġġior parti tad-dħul tiegħu. Ta' min joħroġ id-distinzjoni bejn il-mewt (ekwiparata għal diżabilità totali) u d-diżabilità ta' 100% (eż - min jiġi ridott għal ħajja f'wheelchair b'telf assolut tal-fakoltà mentali). Fil-liġi, il-kwantifikazzjoni tad-danni m'għandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid tħares lejn dak li jitlef min jiġi 'l quddiem u javvanza pretensjoni.

Kif intqal mill-Imħallef Wrangham fil-kawża **Piggott vs Fancy Wood Products** (31/01/1958), *The question which I have to determine, is what financial loss the father and mother of this young man have suffered by reason of his death. If I were allowed to award damages to them that could in any way compensate them for what they have suffered, the damages would be very large indeed. Nothing that I am about to say is intended for a moment to suggest that their loss is not one beyond assessment, but I am not concerned with their real loss at all - I am only concerned with the question: How much in mere hard cash, or rather in the prospect of hard cash in the future, can they be said to have lost?"*

Apparti li għandu jsir tnaqqis ta' 20% fl-ammont li ser jiġi likwidat favur l-atturi bħala danni minħabba *lump sum payment*, għandu jsir ukoll tnaqqis għax Nicole Zahra kienet bint u oħt l-atturi u mhux il-kap tal-familja, u għalhekk il-grad ta' dipendenza tal-atturi fuqha kien ser ikun sostanzjalment inqas, apparti li f'xi data futura probabbilment hija kienet tieħu l-istat tagħha. Madanakollu l-Qorti tqis li m'għandux jkun hemm tnaqqis ta' aktar minn 50% għal dan l-iskop. F'każijiet simili huwa normali wkoll li jkun hemm tnaqqis ieħor ta' 25% rappreżentanti l-konsum li persuna kienet tkun mistennija li tagħmel tul ħajjitha minn dak kollu li taqla'.

Is-salarju medju ta' €9,504.81 x *multiplier* ta' 40, x 100% diżabilità permanenti, iwasslu għal ċifra ta' €380,192.40, li meta ridotta b'20% (*lump sum payment),* tiġi €304,153.92, u dan l-ammont meta jiġi ridott b'50% (grad ta' dipendenza

tal-eredi), iwassal għaċ-ċifra ta' €152,076.96, li meta tiġi ridotta b'25%, (konsum personali), iwassal għas-somma ta' mija u erbatax-il elf, u sebgħa u ħamsin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€114,057.72).

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-4 ta' Lulju, 2010 fi Triq Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia fejn tilfet ħajjitha Nicole Zahra ta' għaxar snin, bint l-atturi Peter Zahra u Pauline Zahra u oħt l-attriċi Lenise Zahra;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' mija u erbatax-il elf, u sebgħa u ħamsin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€114,057.72);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Lulju, 2012, tad-29 ta' Marzu, 2012, tas-17 ta' Diċembru, 2013, u tat-28 ta' Settembru, 2015, u tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' April, 2017, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**